# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI ĠENERALI

**MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M. (CARDIFF), ADV. TRIB. ECCL. MELIT.**

**Illum, il-Ġimgħa, 26 ta' April, 2024**

**Rikors Ġuramentat numru: 71/2020 BS**

**Angiolina sive Angele Buttigieg;**
**Rosie Buttigieg u Joseph Vella u b'digriet tal-25 ta' April, 2021 il-gudizzju gie trasfuz f'isem Rosie Buttigieg u Saviour Buttigieg stante l-mewt ta' ommhom l-attrici Angiolina sive Angele Buttigieg**

**-vs-**

**Mary Jane Formosa; u b'digriet tas-16 ta' Ottubru 2020[1] Mary Jane Formosa ġiet nominata kuratur deputat ta' l-imsefrin Carmen Turner; Rosie Judde; Lawrence Vella; Nazzareno Vella; Paul Vella; Josephine Caruana; Angela Vella; Michelle Vella u Joyce Vella; u b'digriet tas-6 ta' Ottubru 2021[2] ġiet kjamata fil-kawża Antonella Njoku; u b'digriet tas-16 ta' Diċembru 2022[3] il-ġudizzju ġie trasfuż minn fuq Angela Vella favur uliedha Michelle Vella u Joyce Vella; u b'digriet tal-1 ta' Frar, 2023[4] il-ġudizzju ġie trasfuż min fuq Nazzareno Vella favur l-armla tiegħu Michelina Vella u uliedu Antoinette Vella u Sylvia Vella**

***Sentenza in parte***

---

[1] Digriet a fol 65 u 66.
[2] Digriet a fol 252.
[3] Digriet a fol 480.
[4] Digriet a fol 651 u 652.

**Il-Qorti;**

**A. Preliminari:**

**Rat ir-rikors ġuramentat tal-atturi[5] li ppremettew:**

1. Premess illi **Toni Vella,** gia pensjoniant bin il-mejtin Mikieli u Ursola née Xerri imwieled il-Qala u gia resident il-Qala Ghawdex miet fis-sittax ta' Novembru tal-elf disa' mija tlieta u tmenin (16.11.1983) u dan hekk kif jidher mic-certifikat hawn anness u mmarkat Dok 'A';

2. Premess illi **Rosa Vella** née Bonello, armla tal-imsemmi Toni Vella, bint Wenzu Bonello u l-mejta Angela née Camilleri twieldet in-Nadur u gia residenti l-Qala mietet fit-tnejn ta' Gunju elf disa mija disgha u disghin (02.06.1999) u dan hekk kif jidher mic-certifikat hawn anness u mmarkat Dok 'B';

3. Premess li wara li saru d-debiti ricerki testamentarji fir-registru pubbliku u fil-Qorti Volontarja rrizulta illi l-mejtin Toni u Rosa gia konjugi Vella mietu testati u rregolaw il-wirt u s-successjoni taghhom permezz ta' diversi testmenti kemm *unica charta* kif ukoll testmenti ohra u senjatament it-testament *unica charta* tal-hamsa (5) ta' Novembru elf disa mija u sittin (1960) u iehor tas-sebgha u ghoxrin (27) ta' Novembru elf disa mija wiehed u sebghin (1971), it-tnejn mizmuma fl-atti tan-Nutar Giuseppe Cauchi u fir-rigward ta' Rosa Vella waheda hija kellha zewg testmenti addizzjonali wiehed tas-sitta u ghoxrin (26) ta' Settembru tal-elf disa mija sebgha u disghin (1997) u l-iehor tad-9 ta' Mejju 1998, it-tnejn mizmuma fl-atti tan-Nutar Mariosa Grech u dan kollu kif jidher mid-dokumenti hawn annessi u mmarkati Dok 'C', 'D', 'E', 'F';

4. Premess illi kif jirrizulta minn dawn id-dokumenti l-konjugi Vella, flimkien u wahedhom hallew diversi legati, nnominaw u stitwew bhala eredi universali tagħhom lill-għaxar (10) uliedhom u cioe lil: Kelinu, Angiolina Buttigieg, Ursola Buttigieg, Nazzarenu, Lawrence, Anglu, Giuseppa sive Josephine Caruana, Pawlu, Giusepp u Maria Giovanna Formosa u dan fi kwoti ndaqs bejniethom;

---

[5] Rik. Gur a fol 1 sa 9 b'dokumenti a fol 10 sa 59.

5. Premess illi d-denunzja u d-dikjarazzjoni ta' trasferiment *causa mortis* tal-konjugi Vella saret in kwantu ta' Toni Vella permezz tad-denunzja bin-numru G321/84, filwaqt illi dik ta' Rosa Vella giet ippublikata fl-1 ta' Dicembru 1999 fl-atti tan-Nutar Mariosa Grech u dan hekk kif jidher mid-dokumenti hawn annessi u mmarkati Dok 'G' u 'H';

6. Premess illi fost il-werrieta uliedhom mietu fil-mori Ursola Buttigieg mart Paul Buttigieg bint il-mejjet Anthony Vella u Rose nee Bonello imwielda ill-Qala Ghawdex u gia resident Melbourne l-Awstralja mietet gewwa Footscray Melbourne l-Awstralja nhar l-ghaxra (10) ta' Marzu tas-sena elf disgha mija sebgħa u disghin (1997). Illi hija mietet intestata għalhekk wirtuha ex lege uliedha Rosie mart John Judde u Carmen mart Glenn Turner;

7. Premess illi d-dikjarazzoni tat-trasferiment *causa mortis* saret fl-atti tan-Nutar Michael Refalo fis-sebgha u ghoxrin ta' Mejju tas-sena elf disgha mija sebgha u disghin (27.05.1997) liema dokument huwa hawn anness u mmarkat dok I;

8. Premess illi sussegwentment ulied il-mejta Ursola Buttigieg née Vella **Anthony u Rosa Vella née Bonello**[6] ircevew b'donazzjoni mid-decujus Rosa Vella u l-werrieta ta' Tony Vella ghas-saldu u in total sodisfazzjoni tad-drittijiet kollha spettanti lilhom mil-wirt u successjoni tal-konjugi Vella l-fond bicca art fi sqaq li jinfed ghal-Triq Wardija Qala Ghawdex tal-kejl ta' circa mitejn u hamsa u tletin punt tnejn metri kwadri (235.2m.k) u dan kif jidher mil-kuntratt ippublikat minn Nutar Michael Refalo tas-sebgha u għoxrin ta' Mejju tal-elf disgha mija u sebgha u disghin (27.05.1997) hawn anness u mmarkat Dok J;

9. Premess illi Angelo Vella, iben il-mejtin Tony u Rosa konjugi Vella miet fis-sbatax (17) ta' Jannar tal-elf disa mija u tlieta u disghin (1993) miet intestat f'*Toronto, Ontario* il-Kanada, u għalhekk wirtuh *ex lege* f'porzjoni ugwali bejntihom iz-zewg uliedu, l-imsemmija Anthony u Cindy;

10. Premess illi Anthony Vella u Cindy Camilleri mart Jonathan Camilleri née Vella ulied il-mejjet Angelo Vella u Rita née Falzon, it-tnejn imweldin u residenti Toronto Kanada bieghu u ttrasferew lir-

[6] Sitt kelmiet skurati minn din il-Qorti jidher li huma superfluwi f'din is-sentenza ta' din il-premessa.

rikorrenti Angela Buttigieg u zewgha Carmel Buttigieg is-sehem spettanti lilhom mil-wirt u successjoni tad-*decujus* Toni Vella permezz ta' att ippublikat minn Nutar Paul George Pisani tas-sebgha u ghoxrin ta' Lulju elfejn u tnejn (27.07.2002) kif korrett permezz ta' kuntratt tas-sittax ta' Settembru elfejn u tnejn (16.09.2002), liema kuntratt qed jigi hawn anness u mmarkati Dok K;

11. Premess illi Carmel Buttigieg gia pensjonant, iben il-mejtin Saviour Buttigieg u Emmanuela née Muscat imwieled ir-Rabat Ghawdex u gia resident il-Qala Ghawdex bil-karta tal-identita numru 58833(G) miet f'Ruma l-Italja fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Marzu tas-sena elfjen u tmienja (2008) u dan kif jidher mic-certifikat hawn anness u mmarkat Dok L. Huwa rregola l-wirt u sucessjoni tieghu permezz ta' tesment mizmum fl-atti tan-Nutar Maria Grima tal-ghaxra ta' Settembru tas-sena elfejn u tnejn (2002), liema dokument huwa hawn anness u mmarkat Dok M fejn permezz tieghu nnomina bhala eredi universali lir-rikorrenti bintu, Rosie Buttigieg;

12. Premess illi d-dikjarazzjoni ta' trasferiment *causa mortis* giet debitament ippublika minn Nutar Maria Grima fl-att taghha tad-disgha u ghoxrin (29) ta' Lulju tas-sena elfejn u tmienja (2008) u dan kif jidher mid-dokument hawn anness u mmarkat Dok N;

13. Premess illi in oltre Kelinu sive Michael Vella iben iehor tal-mejtin Tony u Rosa konjugi Vella, miet fil-mori u l-prezunti werrieta huma l-armla tieghu Angela Vella nee' Buttigieg bint il-mejtin Pio Buttigieg u Josephine nee' Bonello imwielda in-Nadur Ghawdex fis-sitta ta' Lulju tal-elf disa mija tnejn u hamsin (1952), u uliedu Michelle Vella u Joyce Vella it-tnejn residenti Ontario, Canada;

14. Premess illi r-rikorrenti bhala eredi ta' l-imsemmija Toni u Rosa Vella ma jridux jibqghu aktar fi stat ta' komunjoni ghar-rigward ta' l-eredita tal-konjugi Vella;

15. Premess illi l-intimati ghalkemm interpellati diversi drabi sabiex jersqu għal din id-divizjoni bonarja, dawn baqghu inadempjenti;

16. Premess illi l-esponenti jafu dawn il-fatti personalment.

**Talbu għalhekk lill din il-Qorti:**

1. Tillikwida l-komunjoni ta' l-akkwisti gia' esistenti bejn l-imsemmija Toni u Rosa Vella billi jigi ddikjarat li kienet tikkonsisti f'dawk il-beni mobbli u mmobbli li jirrizultaw fil-kors tal-kawza;

2. Taqsam il-komunjoni ta' l-akkwisti hekk likwidata f'zewg porzjonijiet ugwali li jigu assenjati wahda lil kull wiehed mill-assi partikolari tal-konjugi Vella;

3. Tillikwida l-assi partikolari ta' Toni Vella billi jigi ddikjarat li jikkonsistu f'nofs il-komunjoni ta' l-akkwisti hekk likwidata u f'dawk il-beni l-ohra kollha mobbli u mmobbli li jirrizultaw fil-kors tal-kawza;

4. Tordna l-immissjoni fil-pussess tal-legati mhollija lil legatarji nominati fit-testmenti tieghu;

5. Taqsam il-beni formanti l-assi ereditarji ta' l-imsemmi Toni Vella f'ghaxar (10) porzjonijiet li jigu assenjati wahda kull wahda mil-partijiet kullhadd skont is-sehem tieghu;

6. Tordna l-qasma tal-istess beni bejn il-kontendenti prevja li jigi redatt pjan ta' divizjoni bl-opera okkorrendo ta' periti nominandi;

7. Tordna li kemm-il darba jirriżulta li l-beni ta' l-imsemmi Toni Vella jew uhud minnhom ma humiex divizibbli tordna l-bejgh ta' l-istess b'licitazzjoni sabiex ir-rikavat jigi ppercepit ugwalment bejn il-partijiet, ilkoll werriet ta' Toni Vella, kullhadd skont dak is-sehem spettanti lilu minghajr l-ammissjoni ta' *obleaturi estranji;*

8. Tordna l-immissjoni fil-pussess tal-legati imhollija lil legatarji nominati fit-testmenti taghha sakemm dawn huma legali u validi;

9. Tillikwida l-assi partikolari ta' l-imsemmija Rosa Vella billi jigi dikjarat li jikkonsistu f'nofs il-komunjoni ta' l-akkwisti hekk likwidata u f'dawk il-beni l-ohra kollha mobbli u mmobbli li jirrizultaw fil-kors tal-kawza;

10. Taqsam il-beni formanti l-assi ereditarji ta' l-imsemmija Rosa f'ghaxar porzjonijiet li jigu assenjati wahda kull wiehed mil-partijiet kullhadd skont is-sehem spettanti lilu;

11. Kemm-il darba jirrizulta li l-beni ta' l-imsemmija Rosa Vella jew uhud minnhom ma humiex divizibbli tordna l-bejgh ta' l-istess b'licitazzjoni sabiex ir-rikavat jigi ppercepit ugwalment bejn id-disa' ulied ta' l-istess Rosa Vella jew is-superstiti taghhom u dan minghajr *obleaturi estranji*;

12. Tahtar Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-att opportun ta' divizjoni u assenjazzjoni ta' legati f'dik id-data, hin u lok li jigu ffissati minn din l-Onorabbli Qorti, bl-intervent ta' kuraturi li jinhatru sabiex jirraprezentaw lill-eventwali kontumaci;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuta Mary Jane Formosa f'isimha proprju u bħala kuratur deputat tal-imsefrin kollha[7] li eċċepiet:**

1. Illi fl-ewwel lok in kwantu l-kawza saret kontra Carmen Turner u Rosie Judde, dawn m'ghandhom ebda interess guridiku fil-kawza billi permezz tà kuntratt li sar fl-atti tan-Nutar Michael Refalo tas-27 tà Mejju 1997, huma kienu rcevew minghand Rosa Vella u minghand l-eredi tà Toni Vella cjoé l-atturi u l-konvenuti l-ohra fil-kawza porzjon art fi sqaq fi Triq Wardija, Qala, tal-kejl tà cirka mitejn u hamsa u tletin punt tnejn metri kwadri (235.2m.k.) konfinanti mill-Lvant mà beni tà Maria Giovanna Vella, Tramuntana in parti mà beni tà Mara Giovanna Vella u in parti mà sqaq u Punent mà beni tal-ahwa Xerri, a saldu u in totali soddisfazzjoni tas-sehem taghhom mill-ereditа̀ tà Toni Vella u mill-eventwali wirt tal-istess Rosa Vella, u ghaldaqstant ghandhom jigu lliberati mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez relattivi jibqghu a karigu tal-atturi. Jigi ddikjarat ghal kull buon fini li Carmen Turner u Rose Judde già taw struzzjonijiet lill-esponenti biex tigi segwita l-procedura opportuna ai termini tal-Artikolu 860 tal-Kodici Civili sabiex huma jirrinunzjaw ghall-wirt li fadal tà Toni Vella u Rosa Vella;

[7] Risposta guramentata a fol 72 sa 74.

2. Illi l-esponenti f'isimha u għall-bqija tal-konvenuti l-oħra ma jopponux ruħhom għad-diviżjoni mitluba mill-atturi purché li:-

   i. Fl-ewwel lok tiġi verifikata u stabbilita l-konsistenza tal-assi li fadal għad-diviżjoni u l-konsistenza tal-legali li ġew imħollija lill-attrici Angiolina Buttigieg u lill-esponenti Mary Jane Formosa proprio;
   ii. Fit-tieni lok jiġu verifikati l-kwoti tal-eredi li baqgħalhom interess ġuridiku fil-kawża;
   iii. Fit-tielet lok fil-pjan tà diviżjoni jittieħed kont tal-valur tal-legati tà proprjetà mħollija lill-attrici Angiolina Buttigieg akkont tas-sehem tagħha mill-wirt tà missierha Toni Vella bit-testment *unica charta* li sar fl-atti tan-Nutar Giuseppi Cauchi tal-5 tà Novembru 1960;
   iv. Fir-rabà lok jiġi kkollazzjonat u mputat fil-massa ereditarja tà Rosa Vella l-valur ġust u reali tal-art li fuqha bniet id-dar tagħha l-attrici Angiolina Buttigieg fi Triq Patri Ġużepp Portelli, Qala, li ġiet iddonata lilha minn ommha Rosa Vella b'kuntratt tà Donazzjoni fl-atti tan-Nutar Silvio Hili tat-3 tà Ġunju 1997 ai termini tal-Artikoli 913 et seq tal-Kodici Civili;

3. Illi a rigward it-tmien (8) talba tar-rikors ġuramentat, l-esponenti Mary Jane Formosa taqbel mat-talba u tadderixxi ruħha magħha in kwantu l-immissjoni fil-pussess tal-legali għandha ssir fil-konfront tal-legatarji kollha nkluż ukoll għalhekk tà dawk il-legati li ġew imħollija lilha proprio minn ommha Rosa Vella bl-aħħar żewġ tesmenti tagħha bid-differenza però li filwaqt li l-legat imħolli lill-esponenti proprio minn omma Rosa Vella mill-art 'Tas-Salib' fi Triq Patri Ġużepp Portelli, Qala, tħallielha barra minn sehemha bi ħlas u tpattija tas-servigi, kuri u assistenzi talli daret b'ommha, il-legat msemmi hawn fuq fil-paragrafu 1(iii) li ġie mħolli lill-attrici Angiolina Buttigieg tħallieha akkont tas-sehem tagħha mill-wirt tà missierha Toni Vella. Hemm ukoll il-prelegat li tħalla minn Rosa Vella lill-esponenti Mary Jane Formosa tas-sehem tagħha mill-fond numru 88, Triq Wardija, Qala, bir-rabà anness miegħu, dan ukoll tħalla lill-esponenti Mary Jane Formosa proprio bi 'prelegat' cjoé barra minn sehemha mill-wirt t'ommha Rosa Vella. Konsegwentement kull komunikazzjoni li fetħet l-attrici Angiolina Buttigieg mill-proprjetà tagħha għall-fond jew fondi li ġew legati lill-esponenti proprio għandha tiġi kkundannata biex tagħlaqha b'mod permanenti;

Salvi twegibiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

**Rat ir-risposta ġuramentata tal-kjamata in kawża Antonella Njoku[8] illi eċċepiet:**

A. Illi t-talba tal-attrici Rosie Buttigieg ghas-sejha fii-kawza tal-eccipjenti hi wahda superfluwa u saret inutilment, u kemm-il darba jirrizulta dan, kif l-eccipjenti temmen b'konvinzjoni li għandu jkun il-kaz, l-ispejjez kollha relattivi ghal din is-sejha fil-kawza taghha ghandhom jigu akkollati lill-istess attrici Rosie Buttigieg.

Dan peress li:-

i. Illi l-eccipjenti hi estranea ghall-wirt oggett fil-kawza, mhix werrieta tà Anthony sive Toni u Rosa Vella li tal-wirt taghhom qed tintalab il-qasma b'din il-kawza, u m'għandha ebda konnessjoni mal-wirt taghhom li jinkludi fih hafna aktar proprjetà mill-fond 89, Triq Il-Wardija, Qala, li l-genituri taghha kienu xtraw minghand il-konvenuti Carmen Turner u Rose Judde b'kuntratt tas-7 tà Novembru 1997, fl-atti tan-Nutar Mariosa Grech;

ii. Illi l-fatt li l-eccipjenti wirtet minghand missierha Dominic Formosa nofs (1/2) indiviz mill-fond 89, Triq Il-Wardija, Qala, li huwa kien akkwista b'xiri minghand tnejn mill-konvenuti ma johloqx dak l-interess guridiku attwali fl-eccipjenti fil-meritu tal- kawza, cjoè dak l-interess guridiku li trid il-ligi li kellha twassal biex tintalab u tigi milqugha t-talba tal-attrici ghall-kjamata fil-kawza tal-esponenti. L-interess tal-imsejjah fil-kawza ghandu jkun ta` livell bhal dak kif imfisser minn hafna sentenzi tal-qrati taghna bhala l-interess guridiku li għandu jkollha parti fil-kawza. Illi huwa stabilit ukoll li l-istitut tas-sejha fil-kawza huwa mahsub li jiggarantixxi l-integrita tal-gudizzju, izda "*l-istitut tal-kjamata fil-kawza ma jistax jigi applikat fil-kazijiet fejn il-gudizzju jkun digà integru bil-prezenza fil-kawza tal-konvenut u fejn ir- responsabbilta tal-konvenut vis-a-vis l-attur hija indubitata indipendentement minn x`relazzjonijiet jista'*

[8] Risposta guramentata a fol 255 sa 257.

*jkollu hu ma` haddiehor li, kwantu l-attur, jibqa' terz.*" (App. **Inf**. 18.5.1995, **Farrugia vs Fava,** Kollez. Vol. LXXIX.ii.1110);

iii. Illi a rigward in-nofs (1/2) indiviz tal-fond 89, Triq Il-Wardija, Qala, li kien jappartjeni lil Anthony Vella, dan kien gie assenjat lill-konvenuti Carmen Turner u Rose Judde mill-werrieta tieghu partijiet fil-kawza b'kuntratt li sar fl-atti tan-Nutar Michael Refalo tas-27 tà Mejju 1997, u kien gie assenjat lilhom "*a saldu u in totali sodisfazzjon tad-drittijiet kollha lilhom spettanti mill-wirt u successjoni tal-imsemmi Anthony Vella.*" Ghalhekk m'għandu jibqà ebda dubbju dwar jekk il-kjamata fil-kawza ghandhiex effettivament dak l-interess guridiku li kellha tigi msejha fil-kawza meta min kien trasferixxa lil missierha Dominic Formosa bil-kuntratt tas-27 tà Mejju 1997, kien ircieva dan in-nofs (1/2) indiviz tal-post a saldu tad-drittijiet kollha li kienu lilhom spettanti mill-wirt u successjoni tal-imsemmi Anthony Vella. U rigward in-nofs (1/2) indiviz l-iehor li kien tà Rosa Vella, dan kien gie assenjat lilhom b'donazzjoni mill-istess Rosa Vella bl-istess kuntratt tas-27 tà Mejju 1997 fl-atti tan-Nutar Michael Refalo, u kien sar u gie accettat ukoll a saldu u in totali sodisfazzjon tad-drittijiet kollha lilhom spettanti mill-wirt tal- imsemmija Rosa Vella;

iv. Illi kif preskritt bl-artikolu 648 tal-Kap. 16 dan is-sehem li l-konventi Carmen Turner u Rose Judde kienu rcevew b'donazzjoni minghand nannithom Rosa Vella jrid jigi kkalkolat skont il-valur taz-zmien meta dan in-nofs (1/2) indiviz kien gie donat lilhom fl-1997, li bla dubbju l-kumplament tal-assi in divizjoni li ghandhom jigu stmati bil-valur tallum, jizboq ferm il-valur tas-sehem li l-imsemmija Carmen Turner u Rose Judde kienu rcevew;

v. Illi l-fatt li l-konvenuti Camen Turner u Rose Judde kienu sussegwentement bieghu u ttrasferew lill-genituri tal-esponenti l-fond 89, Triq Il-Wardija, Qala, dan ma johloq ebda ness guridiku li l-esponenti kellha tigi kjamata f'din il-kawza tà divizjoni, billi kull eventwali responsabbilità li jistà jkun hemm dwar l-obbligu tal-konferiment tal-kollazzjoni ai termini tal-artikolu 913 tal-Kap, 16 jibqà vestit biss fil-konvenuti Carmen Turner u Rose Judde, u mhux fil-kjamata fil-kawza;

Ghalhekk il-kjamata fil-kawza saret inutilment u hija wahda superfluwa ghall-ahhar billi ma kienx hemm lokha sa mill-bidu nett u ghaldaqstant l-ispejjez relattivi għal din il-kjamata għandhom jigu akkollati kollha lill-istess attrici Rosie Buttigieg.

Salvi twegibiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

**Fliet l-atti.**

**Rat** id-dokumenti annessi mar-rikors guramentat tal-atturi.[9]

**Rat** li fl-udjenza tal-14 ta' April, 2021 il-kawza giet iddifferita ghat-trattazzjoni dwar l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti.[10]

**Rat** li r-rikors tas-16 ta' April, 2021 ta' Rosie u Saviour ahwa Buttigieg fejn talbu sabiex il-gudizzju jigi trasfuz f'isimhom stante l-mewt ta' ommhom l-attrici Angiolina sive Angele Buttigieg[11] gie milqugh bid-digriet tal-25 ta' April, 2021.[12]

**Rat** ir-rikors tal-konvenuta Mary Jane Formosa tal-11 ta' Gunju, 2021 li bih, ghar-ragunijiet hemm minnha elenkati u ai termini tal-Artikolu 494 tal-Kap.16, talbet il-hatra ta' amministratur gudizzjarju tal-beni mizmuma in komuni mil-partijiet.[13]

**Rat** ir-risposta tal-atturi tat-28 ta' Gunju, 2021 ghar-rikors tal-konvenuta Mary Jane Formosa tal-11 ta' Gunju, 2021.[14]

**Rat** ir-rikors tal-atturi tal-20 ta' Settembru, 2021 ghal-kjamat in kawza ta' bint il-konvenuta Mary Jane Formosa, Antonella Njoku, stante li fuq dawn iz-zewg persuni tirrizulta rregistrata l-proprjeta' ossia dar bin-numru 89, Triq il-Wardija, il-Qala, Ghawdex, derivanti mill-assi tal-mejtin Toni u Rosa konjugi Vella.[15]

---

[9] Dokumenti a fol 10 sa 59.

[10] Verbal a fol 78. Fl-udjenza tas-26 ta' Mejju, 2022 il-kawza giet ghal darb'ohra ddifferita ghal-provi limitatment fuq l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenuti – verbal a fol 454.

[11] Rikors a fol 79.

[12] Digriet a fol 167.

[13] Rikors a fol 174 u 175.

[14] Risposta a fol 217 sa 220 – inkluz in verso pagina.

[15] Rikors a fol 224 sa 227 b'kopja, *inter alia*, ta' att ta' trasferiment mill-poter ta' Carmen Turner u Rosie Judde versu Mary Jane Formosa u zewgha Dominic Formosa tad-dar numru 89, Triq il-Wardija, il-Qala – att tas-7 ta' Novembru, 1997 in atti Nutar Mariosa Grech a fol 229 sa 231 - u denunzja tas-27 ta' Jannar, 2016 in atti Nutar Mariosa Grech permezz ta' liema l-istess dar numru 89 ghaddiet mil-poter ta' Dominic Formosa a favur bintu Antonella Njoku – denunzja a fol 233 sa 236.

**Rat** ir-risposta tal-konvenuti tal-1 ta' Ottubru, 2021 ghar-rikors tal-atturi tal-20 ta' Settembru, 2021.[16]

**Rat** li b'digriet tas-6 ta' Ottubru, 2021 intlaqghet it-talba tal-atturi ghal-kjamat in kawza ta' Antonella Njoku.[17]

**Rat** li fl-udjenza tad-9 ta' Dicembru, 2021 l-atturi gew akkordati terminu sabiex jipprezentaw lista tal-assi li skonthom huma fil-massa ereditarja tad-defunti konjugi Anthony sive Tony u Rosina sive Rose sive Rosa Vella b'indikazzjoni ta' lill minn mid-defunti kienu jappartjenu l-istess u f'liema sehem.[18]

**Rat** il-lista tal-assi prezentata mill-atturi bhala dawk li skonthom huma fil-massa ereditarja tad-defunti konjugi Vella.[19]

**Rat** in-nota tal-konvenuti tat-2 ta' Frar, 2022 maghmulha b'risposta ghal-lista tal-assi prezentata mill-atturi.[20]

**Rat** li stante divergenza dwar xi porzjonijiet art li originarjament gew inkluzi fil-lista tal-assi skont l-atturi u mbaghad ntalbet l-eskluzzjoni taghhom mill-atturi stess,[21] b'digriet tal-11 ta' Frar, 2022 l-atturi gew ordnati jipprezentaw aggornament tal-lista tal-assi li skonthom jifformaw parti mill-massa ereditarja tad-defunti konjugi Vella.[22]

**Rat** li in ottemperanza mad-digriet tal-11 ta' Frar, 2022, b'nota tal-5 ta' April, 2022 l-atturi pprezentaw lista tal-assi aggornata.[23]

**Rat** ir-risposta tal-konvenuti tat-8 ta' Frar, 2023 fejn indikaw dawk li skonthom huma l-unici zewg proprjetajiet fil-konsistenza tal-assi tad-defunti konjugi Toni u Rosa Vella b'dizgwid fuqhom.[24]

**Rat** in-nota tal-attrici Rosie Buttigieg tas-16 ta' Marzu, 2023 b'diversi pjanti mahruga mir-Registru tal-Artijiet annessi maghha.[25]

---

[16] Risposta a fol 246 u 247.
[17] Digriet a fol 252.
[18] Verbal a fol 379.
[19] Lista a fol 282 sa 388 bi pjanti a fol 389 sa 392.
[20] Nota a fol 398 sa 401.
[21] Ref.: pagni 7 u 8 tal-lista tal-assi tal-atturi liema pagni partikolari jinsabu a fol 387 u 388, rikors tal-atturi tat-28 ta' Jannar, 2022 li jinsab a fol 395 sa 397, risposta tal-konvenuti tal-4 ta' Frar, 2022 li tinsab a fol 404 u 405.
[22] Digriet a fol 409.
[23] Nota a fol 416. Lista tal-assi a fol 417 sa 423 bi pjanti a fol 424 sa 427.
[24] Risposta a fol 653 u 654.
[25] Nota a fol 667, pjanti a fol 668 sa 673b.

**Rat** li fl-udjenza tas-16 ta' Marzu, 2023 l-atturi ddikjaraw il-provi dwar il-konsistenza tal-assi tad-defunti konjugi Toni u Rosa Vella magħluqha.[26]

**Rat** id-digriet tal-1 ta' Ġunju, 2023 li bih il-Qorti laqgħat it-talba tal-konvenuti għall-isfilz tal-affidavit ta' l-Avv. Dr. Angele Formosa u dak ta' Margerita Cutajar.[27]

**Rat** in-nota ġuramentata tal-konvenuti tal-15 ta' Ġunju, 2023 b'anness magħha diversi dokumenti konsistenti f'aġġornament tal-lista tal-assi skonthom formanti parti l-massa ereditarja tad-defunti konjugi Toni u Rosa Vella u li skonthom huma allura in diviżjoni.[28]

**Rat** li fl-udjenza tal-15 ta' Ġunju, 2023 u b'riżultat tal-konklużjonijiet milħuqa fir-rapport tal-Psikjatra Dr. Chantelle Azzopardi dwar l-attur Joseph Vella,[29] deher l-Avv. Dr. Daniel Calleja bħala kuratur deputat tal-istess Joseph Vella[30] kif inabilitat bi proċeduri separati mmexxija quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Volontarja.[31]

**Rat** ir-risposta tal-attriċi Rosie Buttigieg tal-25 ta' Ottubru, 2023 għan-nota ġuramentata tal-konvenuti tal-15 ta' Ġunju, 2023 konsistenti f'aġġornament tal-lista tal-assi skonthom formanti parti l-massa ereditarja tad-defunti konjugi Toni u Rosa Vella u li skonthom huma allura in diviżjoni.[32]

**Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża**, inkluż id-dokumenti eżebiti u verbali kif ukoll it-traskrizzjonijiet tax-xhieda kollha u affidavits.

**Rat** li fl-udjenza tal-25 ta' Ottubru, 2023 id-difensuri tal-partijiet kif ukoll il-kuratur deputat tal-attur Joseph Vella għamlu t-trattazzjoni tagħhom dwar l-ewwel eċċezzjoni sollevata mill-konvenuti bil-kawża ġiet differita għas-sentenza dwar l-istess eċċezzjoni.[33]

**Semgħat u rat** it-traskrizzjoni tat-trattazzjonijiet tal-abbli difensuri tal-partijiet.

---

[26] Verbal a fol 799 sa 801.
[27] Digriet a fol 849.
[28] Nota a fol 851 sa 853, dokumenti a fol 854 sa 897.
[29] Rapport a fol 460 u 461.
[30] Verbal a fol 898.
[31] Ref.: risposta tal-kuratur deputat l-Avv. Dr. Daniel Calleja tas-16 ta' Ġunju, 2023 fir-IV volum tal-process – fol 900.
[32] Risposta a fol 901 sa 908.
[33] Traskrizzjoni tat-trattazzjoni a fol 909 sa 915. Verbal a fol 916 u 917.

**Rat** li b'ordni tal-Qorti l-kawza giet iddifferita ghal-lum ghas-sentenza dwar l-ewwel ececzzjoni sollevata mill-konvenuti.[34]

**B. Provi:**

**Semghat ix-xhieda bil-gurament u rat dik maghmulha bil-procedura tal-affidavit, ta':**

*F'din is-sentenza in parte is-sintezi ta' xhieda provduta hija limitata biss ghal dak li jirrigwarda l-ewwel eccezzjoni tal-konvnenuti Mary Jane Formosa, Carmen Turner, Rosie Judde, Lawrence Vella, Michelina Vella, Antoinette Vella, Sylvia Vella, Paul Vella, Josephine Caruana, Michelle Vella, u Joyce Vella kif isegwi:*

**Rosie Buttigieg**, attrici, xehdet permezz ta' affidavit.[35]

Tiddikjara li n-nanniet materni taghha, Toni u Rosa Vella, kellhom ghaxar ti tfal. Tezebixxi arblu tar-razza.[36]

**In kontro-ezami**, xehdet[37] li ommha hija wahda mill-werrieta universali ta' Toni u Roza Vella.

**Dr. Miriam Rapa**, in rapprezentanza tar-Registru tal-Artijiet, xehdet[38] li l-fond 191 sa 194 fi Triq il-Wardija huwa rregistrat f'isem Saviour Buttigieg, Angela Vella, Michelle Vella, Joyce Vella, Mary Jane Formosa, Josephine Caruana, Paul Vella, Nazzareno Vella, Lawrence Vella, Joseph Vella, Rosie Judde, Carmen Turner, u Rosie Buttigieg. Izzid li m'hemmx kawzjonijiet fuqu.[39]

Dwar id-diversi porzjonijiet raba' fi Triq Patri Guzepp Portelli tghid li dawn  ghandhom zewg titoli registrati wiehed dwar porzjon tal-kejl ta'

[34] Verbal tat-22 ta' marzu, 2024 – mhux paginat.
[35] Affidavit a fol 498 sa 503. L-affidavit gie rilaxxat bl-Ingliz b'dan li l-punti saljenti tieghu li ser jigu nkluzi f'din is-sintezi ser jigu tradotti ghal Malti min din il-Qorti.
[36] Arblu tar-razza a fol 504.
[37] Traskrizzjoni tax-xhieda moghtija fl-10 ta' Mejju, 2023 – mhux paginata.
[38] Traskrizzjoni a fol 720a sa 720c.
[39] Dokumenti a fol 733 sa 767.

98m.k. f'isem Mary Jane Formosa b'kawzjoni fuqu minn Angiolina Buttigieg u Rosie Buttigieg u iehor rregistrat fuq Angela Vella, Michelle Vella, Joyce Vella, Mary Jane Formosa, Nazzareno Vella, Paul Vella, Joseph Vella, Lawrence Vella, Josephine Caruana, Carmen Turner, Rosie Judde, Rosie Buttigieg, u Angela Buttigieg b'kawzjoni fuqu minn Angela Buttigieg.[40]

**In kontro-ezami**, xehdet[41] li kopja tal-kawzjonijiet li saru minn Angiolina Buttigieg m'ghandix u ma' tafx abbazi ta' xiex saru l-istess. Tobbliga ruhha li tezebixxi kopja tal-istess li tezebixxi b'nota tat-22 ta' Marzu, 2023.[42]

## C. Ikkunsidrat:

### Preliminari:

Din hija decizjoni parzjali relattiva ghal-ewwel eccezzjoni mressqa mill-konvenuti Mary Jane Formosa, Carmen Turner, Rosie Judde, Lawrence Vella, Michelina Vella, Antoinette Vella, Sylvia Vella, Paul Vella, Josephine Caruana, Michelle Vella, u Joyce Vella li taqra kif isegwi:

> *Illi fl-ewwel lok in kwantu l-kawza saret kontra Carmen Turner u Rosie Judde, dawn m'ghandom ebda interess guridiku fil-kawza billi permezz ta' kuntratt li sar fl-atti tan-Nutar Michael Refalo tas-27 ta' Mejju, 1997, huma kienu rcevew minghand Rosa Vella u minghand l-eredi ta' Toni Vella cjoe' l-atturi u l-kovnenuti l-ohra fil-kawza prozjon art fi sqaq fi Triq Wardija, Qala, tal-kejl ta' cirka mitejn u hamsa u tletin punt tnejn metri kwadri (235.2m.k.) konfinanti mill-Lvant ma' beni ta' Maria Giovanna Vella, Tramuntana in parti ma' beni ta' Mara Giovanna Vella u in parti ma' sqaq, u Punent ma' beni tal-ahwa Xerri, a saldu u in total soddisfazzjon tas-sehem taghhom mill-eredita' ta' Toni Vella u mill-eventwali wirt tal-istess Rosa Vella, u ghaldaqstant ghandhom jigu lliberati mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez relattivi jibqghu a karigu tal-atturi. Jigi ddikjarat ghal kull buon fini li Carmen Turner u Rose Judde gia' taw struzzjonijiet lill-epsonenti biex tigi segwita l-procedura opportuna ai termini tal-Artikolu 860 tal-Kodici Civili sabiex huma jirrinuznjaw ghall-wirt li fadal ta' Toni Vella u Rosa Vella.*

[40] Dokumenti a fol 768 sa 798.
[41] Traskrizzjoni a fol 720c sa 720f.
[42] Nota a fol 802 b'dokumenti a fol 803 sa 823.

Dwar din l-eccezzjoni tal-konvenuti msemmija, l-atturi jghidu li qabel xejn, tali Carmen Turner u Rosie Judde qatt ma' ghamlu nota ta' rinunzja. Izidu li oltre ghal dan Rosa Vella ma' setghetx tiddisponi mill-wirt taghha kif ghamlet a favur l-istess Carmen Turner u Rosie Judde.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Sabiex tiddeciedi l-kwistjoni tal-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti msemmija, din il-Qorti kkunsidrat li omm Rosie mart John Judde u Carmen mart Glenn Turner, ossia, Ursola mart Paul sive Pawlu Buttigieg, li hija wild ohra tad-decujus Anthony sive Toni Vella u d-decujus Rose sive Rosa Vella nee' Bonello – li tal-wirt taghhom qed tintalab il-likwidazzjoni u divizjoni f'dawn il-proceduri – mietet intestata b'dan li wirtuha ghalhekk ulieda, l-imsemmija Rosie Judde u Carmen Turner fi kwoti ndaqs bejniethom.

Dan skont kif jirrizulta mid-dikjarazzjoni *causa mortis* maghmulha wara l-mewt taghha u li kopja taghha tinsab in atti.[43]

Mill-istess dikjarazzjoni *causa mortis* jirrizulta wkoll li din Ursola Buttigieg nee' Vella mietet fl-Awstarlja nhar l-10 ta' Marzu, 1997.

Dan ifisser li dak li kien jispetta lill Ursola Buttigieg nee' Vella, omm Rosie Judde u Carmen Turner, mill-wirt tal-genituri taghha Toni u Rosa Vella, wirt li ghadu mhux likwidat u mhux diviz, tant li ghadha pendenti d-decizjoni principali li minnha, b'din il-prezenti sentenza in parte, qieghda tigi biss deciza eccezzjoni wahda, ser jispetta lill-istess Rosie Judde u Carmen Turner.

B'dan izda li minn dokumenti ulterjuri in atti, u senjatament minn kuntratt ta' donazzjoni tas-27 ta' Mejju, 1997 in atti Nutar Michael Refalo,[44] jirrizulta li dawn l-istess Rosie Judde u Carmen Turner accettaw il-hlas tal-eredita' spettanti lill ommhom Ursula Buttigieg nee' Vella mill-wirt tal-genituri taghha Toni u Rosa Vella kif isegwi:

[43] Ref. dikjarazzjoni *causa mortis* maghmulha fis-27 ta' Mejju, 1997 a fol 39 u 40.
[44] Att ta' donazzjoni a fol 44 u 45 u ghal darb'ohra b'mod aktar komplet man-nota guramentata tal-konvenuti tal-15 ta' Gunju, 2023 – a fol 867 sa 869.

1. *fl-ewwel lok, bis-sahha ta' dan l-att il-komparenti Rosa Vella qieghda tassenja u titrasferixxi b'titolu ta' donazzjoni lill-komparenti Mary Jane Formosa f'isem u in rapprezentanza ta' Rosie u Carmen ahwa Buttigieg […] nofs indiviz jew ahjar id-drittijiet kollha illi l-istess Rosa Vella ghandha fuq il-bicca art fi sqaq li jinfed ghal Triq Wardija, Qala, Gozo liema art hija tal-kejl ta' cirka mitejn u hamsa u tletin punt tnejn metri kwadri (235.2m.k.) u konfinanti Lvant ma' beni ta' Maria Giovanna Vella, Tramuntana in parti beni ta' Maria Giovanna Vella u in parti ma' sqaq, u Punent ma' beni tal-ahwa Xerri, indikata ahjar fuq il-pjanta annessa ma' att tieghi tallum stess […]* – pjanta mhux in atti.

*Ghal kull buon fini jigi dikjarat illi n-nofs indiviz l-iehor ta' din l-art kienet giet legata lill Ursula Buttigieg minn missierha Anthony Vella bit-testment fl-atti tan-Nutar Dottor Giuseppe Cauchi tas-sebgha u ghoxrin (27) ta' Novembru elf disa' mija wiehed u sebghin (1971) u dan akkont tas-sehem spettanti lilha mill-wirt tieghu.*

*Da parti taghha l-komparenti Mary Jane Formosa nomine tiddikjara illi hija qieghda tircievi din id-donazzjoni a saldu u in totali sodisfazzjon tas-sehem spettanti lill-mandati taghha mil-wirt tal-imsemmija Rosa Vella.*

*Fit-tieni lok, bis-sahha ta' dan l-att il-komparenti Joseph Vella proprio et nomine u Mary Jane Formosa proprio minn naha l-wahda u Rosie u Carmen ahwa Buttigieg ulied Paul kif rappresentati qieghdin jiftehmu u jiddikjaraw illi l-istess Rosie u Carmen ahwa Buttigieg ghandhom izommu n-nofs indiviz l-iehor mill-istess proprjeta' (u cioe' dak in-nofs legat lill-ommhom Ursola minn Anthony Vella kif imsemmi fuq) a saldu u in total sodisfazzjon tad-drittijiet kollha lilhom spettanti mill-wirt u successjoni tal-imsemmi Anthony Vella.*

*Ghal finijiet tal-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti […] jigi dikjarat: illi l-art imsemmija kienet tifforma parti minn art akbar akkwistata minn Anthony Vella (matul iz-zwieg tieghu ma' Rosa nee' Bonello) b'att tan-Nutar Giuseppe Cauchi tat-tnax (12) ta' Awwissu elf disgha mija wiehed u hamsin (1951).*

Minn dan l-att ta' donazzjoni nniffsu, kif ukoll minn provi addizjonali in atti; jirrizulta kjarament li dan l-att ta' donazzjoni sar matul il-hajja ta' Rosa Vella, li dwar il-wirt taghha saru wkoll talbiet ghall-likwidazzjoni u divizzjoni li izda mhumiex ser jigu decizi f'din is-sentenza in parte, izda wara l-mewt ta' zewgha Toni Vella.

Dan stante li l-att ta' donazzjoni in mertu sar fis-27 ta' Mejju, 1997 u fuqu dehret Rosa Vella personalment mentri l-istess Rosa Vella mietet fit-2 ta' Gunju, 1999 filwaqt li zewgha Toni Vella miet fis-16 ta' Novembru, 1983.[45]

Il-kwistjoni hija ghalhekk jekk Rosie Judde u Carmen Turner setghux jaccettaw trasferiment u assenjazzjoni b'titolu ta' donazzjoni da parti ta' Rosa Vella, li dakinhar kien ghadha hajja, kwalunkwe' proprjeta' *a saldu u in total sodisfazzjon tas-sehem spattanti* [lilhom] *mil-wirt tal-imsemmija Rosa Vella* meta din kien ghadha hajja.

Li l-istess Rosie Judde u Carmen Turner accettaw il-proprjeta' li kienet qabel diga' giet legata lill-ommhom Ursola Buttigieg nee' Vella minn missierha Anthony sive Toni Vella akkont tas-sehem spettanti lilha mill-wirt tieghu *a saldu u in total sodisfazzjon tad-drittijiet kollha lilhom spettanti mill-wirt u s-succesjsoni tal-imsemmi Anthony Vella* – b'dan sehh ukoll fuq qbiel tal-werrieta kollha l-ohra tal-istess Toni Vella, kif rapprezentati minn ibnu huhom Joseph Vella li deher f'ismu proprju u f'isimhom ilkoll apparti ghal Mary Jane Formosa li dehret f'isimha proprju – huwa nkonfutabbli mid-dicitura tal-ewwel paragrafu shih fit-tieni pagna tal-att ta' donazzjoni tas-27 ta' Mejju, 1997 kif hawn iccitat *verbatim* – il-paragrafu li jibda bil-kliem "*Fit-tieni lok*" li, moqri flimkien mal-ewwel pagna juri li l-istess Joseph Vella deher f'ismu prorpju kif ukoll f'isem ir-rimanenti hutu ghajr ghal Mary Jane Formosa li dehret f'isimha personalment.

Dan l-istess paragrafu juri bic-car li Rosie Judde u Carmen Turner accettaw tali donazzjoni ta' dak li kien qabel diga' gie legat lill ommhom Ursula mil-wirt ta' missierha Toni Vella *a saldu u in total sodisfazzjon tad-drittijiet kollha lilhom spettanti mill-wirt u successjoni tal-imsmemi Anthony Vella* minkejja li l-legat kien originarjament thalla lill ommhom *akkont tas-sehem spettanti lilha mill-wirt tieghu* u kien jinkludi proprjeta' addizzjonali.[46]

---

[45] Ref. certifikat tal-mewt ta' Rosa Vella – nru. 185/1999 – a fol 11 u dak ta' Toni Vella – nru. 312/1983 – a fol 10.

[46] Ref. testment *unica charta* maghmul mill-konjugi Rosa u Toni Vella fis-27 ta' Novembru, 1971, in atti Nutar Giuseppe Cauchi, fejn gie dispost, *inter alia; It-testaturi b'titolu ta' legat a kont ta' sehemha ihallu a favur ta' binthom Ursola mart Pawlu Buttigieg a) bicca raba' li qieghda fl-imsemmija Qala, magenb Triq Wardija ghad li ma' tmissx maghha, li fiha xi hames kejliet u nofs, b'kamra go fiha u tmiss Lvant ma' beni ta' Maria Giovanna Vella, Tramuntana in parti ma' beni ta' Maria Giovanna Vella u in parti ma' sqaq, Punent in parti ma' beni tal-werrieta ta' Salvu Buttigieg u in parti ma' beni ta' Giuseppa u Karmnu ahwa Xerri u Nofsinhar mal-bicca raba' imsemmija hawn taht appartenenti lit-testaturi; u b) in-nofs tan-nahha tal-Punent minn bicca raba' ohra li tigi fuq nofsinhar tal-bicca raba' deskritta hawn fuq fl-ittra (a) li fiha kollha xi siegh u nofs u tmiss Punent ma' beni ta' Giuseppa u Karmnu ahwa Xerri, Nofsinhar u Lvant ma' beni ta' Giusepp Cutajar u Tramuntana in parti mar-raba' deskritt hawn fuq fl-ittra (a) u in parti ma' beni ta' Maria Giovanna Vella…*

Huwa car li huwa fil-jedd ta' kull minn jirretjeni dritt li jirrifjuta jew jittransagi dwar l-istess.

B'dan izda li fir-rigward ta' eredita' hemm eccezzjonijiet ghal din ir-regola li huma rilevanti ghall-eccezzjoni mqajjma mill-konvenuti msemmija dwar in-nuqqas ta' interess gurdiku fil-konvenuti Rosie Judde u Carmen Turner.

Dawn jemanu mis-segwenti aritkoli tal-Kodici Civili, Kap. 16, Ligijiet ta' Malta:

> **586.** *Bla ħsara tad-dispożizzjonijiet dwar donazzjonijiet magħmulin f'kontemplazzjoni ta' żwieġ, u ta' dawk li għandhom x'jaqsmu ma' kuntratti ta' assigurazzjoni fuq il-ħajja,* ***ħadd ma jista' jiddisponi la mill-wirt, kollu jew biċċa minnu****, u l-anqas minn somom ta' flus jew minn ħwejjeġ partikolari oħra li jkunu jappartjenu lill-wirt,* ***ħlief b'testment****.*
>
> **860.** *(1)* ***Ir-rinunzja għal wirt ma tistax tkun preżunta****.*
>
> *(2)* ***Ir-rinunzja tista' ssir biss b'dikjarazzjoni ppreżentata fir-reġistru tal-qorti ta' ġurisdizzjoni volontarja fil-gżira fejn il-mejjet kien joqgħod fiż-żmien tal-mewt tiegħu jew b'dikjarazzjoni magħmula b'att ta' nutar pubbliku****.*
>
> *(3) Id-dikjarazzjoni tar-rinunzja msemmija f'dan l-artikolu m'għandhiex ikollha effett kwantu għall-partijiet terzi ħlief miż-żmien meta din tiġi reġistrata fir-Reġistru Pubbliku skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 330(2).*
>
> **871.** *Bla ħsara ta' dispożizzjonijiet oħra ta' dan il-Kodiċi dwar ir-rinunzji f'okkażjoni ta' żwieġ,* ***ħadd ma jista' jirrinunzja għall-wirt ta' wieħed ħaj****, jew jittrasferixxi l-jeddijiet li għad jista' jkollu għal dak il-wirt,* ***ħlief meta jieħu l-voti ta' reliġjuż f'ordni monastiku jew f'xirka reliġjuża ta' regulari****.*

[enfazi ta' din il-Qorti]

Fil-kaz in mertu, dak li ttentaw jaghmlu bl-att ta' donazzjoni tas-27 ta' Mejju, 1997 in atti Nutar Michael Refalo Rosa Vella kif ukoll uliedha lkoll, mhux biss dawk li hawn f'din l-istanza jidhru bhala atturi u whud mill-

konvenuti izda anke dawk premorjenti d-data meta giet istitwita din l-istanza – ossia Michael sive Kelinu Vella u Angelo sive Anglu Vella, jista jitqies bhala ammontanti ghal dispozizzjoni ta' wirt appartenenti lill-istess Rosa Vella tul hajjitha li ma sarx b'testment u li allura sar bi ksur tal-Artikolu 586 succitat.

Minkejja dna, izd, tali azzjoni tista' kjarament titqies sempliciment bhala donazzjoni maghmulha f'hajjet Rosa Vella li tul hajjitha irritjeniet id-dritt li tiddisponi minn gidha kif jidhrilha xieraq.

B'dan izda li kull kif tiskatta wkoll il-provizzjoni tas-subartikolu tnejn (2) tal-Artikolu 860 succitat li ma jippermettix rinunzja ta' wirt ghajr permezz ta' dikjarazzjoni maghmulha fir-reġistru tal-qorti ta' ġurisdizzjoni volontarja fil-gżira fejn il-mejjet kien joqgħod fiż-żmien tal-mewt tiegħu jew b'dikjarazzjoni magħmula b'att ta' nutar pubbliku.

Fil-kaz in ezami, bl-att ta' donazzjoni tas-27 ta' Mejju, 1997 in atti Nutar Michael Refalo il-konvenuti Rosie Judde u Carmen Turner in kontra-kambju tad-donazzjoni maghmulha favur taghhom, ittentaw proprju jirrinunzjaw ghal dak li setgha u jista jirrizulta spettanti lilhom mill-wirt ta' Rosa Vella – tant li jaghmlu anke dikjarazzjoni f'dan is-sens meta jghidu li qed jaccettaw id-donazzjoni *a saldu u in total sodisfazzjon tas-sehem spettanti* [lilhom] *mil-wirt tal-imsemmija Rosa Vella* - u dan meta l-istess Rosa Vella kien ghadha hajja u allura bi ksur car tal-Artikolu 871 ukoll succitat li jipprovdi li rinunzja ta' wirt ta' xi hadd li ghadu haj ma' tistax issir ghajr meta minn jista jkun intitolat ghalih jieħu l-voti ta' reliġjuż f'ordni monastiku jew f'xirka reliġjuża ta' regulari.

Dment li fl-istadju tad-donazzjoni maghmulha nahr is-27 ta' Mejju, 1997 l-assi ereditarji ta' Rosa Vella kien ghadhom mhux likwidati, tant li anke sa issa ghad hemm talba pendent quddiem din il-Qorti ghall-likwidazzjoni taghhom; l-accettazzjoni ta' proprjeta' in donazzjoni da parti ta' Rosie Judde u Carmen Turner kif inghad, ossia; *a saldu u in total sodisfazzjon tas-sehem spettanti* [lilhom] *mil-wirt tal-imsemmija Rosa Vella* hija kjarament ammontanti ghal rinunzja tal-wirt li potenzjalment jirrizulta bhala ta' Rosa Vella. Sitwazjoni li kif inghad hija projbita mill-Artikolu 871 succitat ghajr fic-cirkostanzi identifikati mill-istess artikolu biss.

Dan jirrispekja wkoll id-dicitura tal-Artikolu 984 tal-Kap. 16 li jipprovdi s-segwenti:

**984.** *(1) Il-ħwejjeġ futuri jistgħu jkunu oġġett ta' kuntratt.*

*(2) Iżda, ħadd* ***ma jista' jirrinunzja għal suċċessjoni illi tkun għad ma nfetħitx, jew jagħmel ftehim fuqha, sew mal-persuna illi tagħha tkun is-suċċessjoni, kemm ma ħaddieħor****, allavolja jkun hemm il-kunsens ta' dik il-persuna; bla ħsara ta' kull dispożizzjoni oħra tal-liġi dwar dawn ir-rinunzji jew dan il-ftehim, meta jsiru f'okkażjoni ta' żwieġ, jew meta jittieħdu l-voti reliġjużi.*

Oltre ghal dan, ix-xhieda prodotti f'din l-istanza fir-rigward ta' diversi proprjetajiet li jistghu jkunu parti mill-assi ereditarji ta' Toni u Rosa konjugi Vella u li ghandhom ghalhekk ikunu meqjusa fir-rigward tat-talbiet atturi ghal-likwidazzjoni u divizzjoni tal-assi ereditarji, isemmu interessi ta' Rosie Judde u Carmen Turner li ghadhom vigenti, inkluz fejn l-istess ghad ghandhom proprjetajiet varji rregistrati mar-Registru tal-Artijiet f'isimhom.

Huwa ghalhekk fl-interess tal-atturi, tal-gustizzja, kif ukoll tal-konvenuti Carmen Turner u Rosie Judde li ghad baqalhom il-possibilita' li jiehdu decizjoni konklussiva dwar x'jixtiequ jaghmlu fir-rigward tal-wirt naxxenti mid-drittijiet ereditarji ta' ommhom Ursola Buttigieg nee' Vella fuq l-assi ereditarji tal-genituri taghha Toni u Rosa konjugi Vella, inkluz ai termini tal-Artikolu 860 tal-Kap. 16 kif succitat u kif minnhom fil-fatt imsemmi fl-istess l-ewwel ececzzjoni taghhom li qieghda tigi deciza b'din id-decizjoni in parte.

Il-Qort taghmel car li b'din id-decizjoni mhijiex qed tiddecidi dwar il-validita' o meno tal-att ta' donazzjoni tas-27 ta' Mejju, 1997 in a tti Nutar Michael Refalo stante li kwalunkwe' tali decizjoni tkun tezorbita l-kompetenza taghha fid-dawl tat-talbiet atturi u l-eccezzjoni tal-konvenuti hawn deciza li tirrigwarda biss l-interess guridiku tal-konvenuti Carmen Turner u Rosie Judde.

**Decide:**

Ghaldaqstant, in vista tal-premess u ghar-ragunijiet kollha hawn fuq espressi, din il-Qorti qieghda tichad l-ewwel (1) eccezzjoni tal-konvenuti Mary Jane Formosa, Carmen Turner, Rosie Judde, Lawrence Vella, Michelina Vella, Antoinette Vella, Sylvia Vella, Paul Vella, Josephine

Caruana, Michelle Vella, u Joyce Vella konformement ma' dak hawn deciz u tordna l-prosegwiment tal-kawza.

Bl-ispejjez ta' din is-sentenza in parte jibqghu riservati ghal-gudizzju finali.

(ft.) Dr. Brigitte Sultana
Maġistrat

(ft.) Daniel Sacco
Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur